MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 66/1996/1

**Maria Lourdes Cassar f'isimha propju bhala kuratrici ad litem tat-tfal minuri Sharon u Ritianne ahwa Cassar.**

**vs**

**Francis Cassar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici prezentata fit-8 ta' Jannar 1996 a fol. 1 fejn gie premess:-
Illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Dicembru 1987 u kellhom zewgt itfal Sharon, ta' sitt snin, u Ritianne ta' tlett snin;

Illi l-konvenut irrenda l-hajja konjugali ma' l-attici mpossibbli minhabba diversi tortijiet li kkommettielha li

jirrizultaw fit-tranzazzjoni tal-kawza w abbanduna d-dar matrimonjali u l-familja u mar joqghod ma’ persuni ohra;

Illi l-attrici giet awtorizzata mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn mal-konvenut (Dok. “A”).

Illi ghalhekk l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn l-attrici u l-konvenut tort tal-konvenut;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tfal Sharon u Ritianne, ahwa Cassar lill-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici u lit-tfal Sharon u Ritianne, ahwa Cassar, retta alimentari;

4. Tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet u tassenja lill-attrici u lill-konvenut is-sehem rispettiv taghhom u tiddikjara xolta l-istess komunjoni;

5. Tiddikjara lill-konvenut id-dekada mid-drittijiet kollha tieghu skond il-Ligi Civili;
6. Tawtorizza lill-attrici tabita fid-dar matrimonjali Plot 136, Triq il-Port Hieles, Birzebbuga.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa` ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 5 tal-process;

Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta (VDG) datat 6 ta’ Mejju 1996 fejn ordnat li *ai termini* tal-**artikolu 173 tal-Kap 12** jigu esebiti diversi dokumenti u b’dan li jekk tali dokumenti ma jigux esebiti l-istess kawza ma tigix appuntata.

Rat li l-Qorti diversament presjeduta (NA) li permezz ta' digriet datat 30 ta' Ottubru 1996 appuntat il-kawza ghal-5 ta' Marzu 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-**konvenut** Francis Cassar tal-11 ta' Marzu 1998 a fol. 19 fejn gie eccepit:

(1) Illi dwar il-pretenzjonijiet attrici, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-hajja konjugali sfat mweghra in vista tal-fatt li l-eccipjent qabad lill-attrici *in flagrante*, tikkommetti adulterju fid-dar konjugali stess u kien in vista ta' dan it-tort gravi *oltre* trattament insopportabbli da parti ta' l-attrici li wassal ghat-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.
(2) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Francis Cassar *a tergo* ta' fol. 19 tal-process;

Rat id-digriet tas-6 ta' Mejju 1996 fejn l-attrici giet ordnata li tipprezenta c-certifikat taz-zwieg, ic-certifikat tat-twelid u rikors bhala kuratrici *ad litem*;

Rat li il-kawza giet differita kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Noel Arrigo;

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tal-5 ta' Marzu 1997; ta' l-24 ta' April 1997; ta' l-10 ta' Gunju 1997; tat-8 ta' Lulju 1997; tad-9 ta' Ottubru 1997; tal-25 ta' Novembru 1997 fejn deher Dr. David Borg li assocja ruhu fil-patrocinju ta' l-attrici; ta' l-14 ta' Mejju 1998 fejn gie nominat Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju; tad-29 ta' Ottubru 1998; tat-12 ta' April 1999 fejn il-Qorti taccetta l-affidavit ta' Dr. David Borg; tat-2 ta' Lulju 1999 fejn il-Qorti giet infurmata li hemm possibilta` ta' tranzazzjoni; ta' l-20 ta' Jannar 2000; ta' l-1 ta' Gunju 2000; ta' l-4 ta' Dicembru 2000 fejn il-kawza giet differita sabiex jinzammu zewg seduti ghall-provi tal-konvenut; tal-21 ta' Frar 2001; ta' l-20 ta' Settembru 2001 fejn Dr. Daniela Borg assumiet il-patrocinju tal-konvenut u fejn il-Qorti giet infurmata li se jigi pprezentat rikors fir-rigward ta' xi xhud li ma kienx gie dikjarat; u tal-11 ta' Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-5 ta' Marzu 2002 quddiem

din il-Qorti kif presjeduta u b'avviz datat 5 ta' Marzu 2002 giet differita ghad-29 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Novembru 2002; tat-28 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti tiddikjara li ghandha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2003.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju tat-28 ta' Settembru 1998 fejn xehdu **Henry Delezio** u **Audrey Muscat** prodotti mill-attrici (a fol. 30 sa 34); tat-3 ta' Novembru 1998 fejn xehdu **Sylvana Genovese** (a fol. 40) u **l-attrici Maria Lourdes Cassar** (a fol. 42); tal-15 ta' Dicembru 1998 fejn kompliet tixhed l-**attrici** u xehed **Anthony Schembri** (fol. 50 sa 55); tat-12 ta' Frar 1999 fejn xehdu **Raymond Buttigieg** u **Anthony Schembri** (a fol. 73 sa 76); tat-12 ta' Marzu 1999 fejn xehdu **Victor Spiteri**, il-**Marixxal Albert Scicluna** u **PC 22 Josette Grech** (a fol. 86 sa 89; a fol. 94 u 95); tat-18 ta' Gunju 1999 fejn l-**attrici Maria Lourdes Cassar** esebiet kuntratt datat 9 ta' Lulju 1986 li juri li akkwistat id-dar imsemmija fil-kuntratt (a fol. 106) u gie vverbalizzat li Dr. Joseph Brincat ghall-konvenut se jibghat proposti lill-attrici dwar separazzjoni konsenswali; tas-17 ta' Settembru 1999 fejn xhed Philip Bonnici (a fol. 118); tal-15 ta' Ottubru 1999; ta' l-14 ta' Jannar 2000; tas-16 ta' Frar 2000; tad-9 ta' Marzu 2000; tat-13 ta' April 2000; tas-16 ta' Gunju 2000 fejn xehdu n-**Nutar Joseph Lia** u **John Cassar** (a fol. 130 sa 134); ta' l-14 ta' Lulju 2000; tat-23 ta' Jannar 2001; ta' l-14 ta' Lulju 2000; tat-12 ta' Settembru 2000 fejn xehdu **Brian Farrugia** u **Sharon Cassar** (a fol. 141 sa 144); ta' l-4 ta' Ottubru 2000; tal-15 ta' Jannar 2001; tat-23 ta' Jannar 2001; tas-16 ta' Frar 2001; tas-7 ta' Marzu 2001; tat-23 ta' Marzu 2001; ta' l-14 ta' Gunju 2001 fejn il-konvenut esebixxa prospett ta' l-ispejjez li ghamel fid-dar matrimonjali (a fol. 194) ; tat-30 ta' Mejju 2001 fejn xehed il-**konvenut Francis Cassar**; ta' l-14 ta' Gunju 2001 fejn kompla jixhed il-**konvenut**; ta' l-4 ta' Lulju 2001 fejn xehed **Joseph Cassar** (a fol. 194); tal-11 ta' Settembru 2001; tal-5 ta' Ottubru 2001;u tad-19 ta' Novembru 2001 fejn id-

Difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu.

Rat ir-rikors ta' l-**attrici** tat-22 ta' Lulju 1998 fejn talbet lill-Qorti sabiex tahtar kuraturi *ad litem* ghall-ulied minuri;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Lulju 1998 fejn il-Qorti ordnat li ssir in-notifika lill-kontroparti li jkollha erbat ijiem zmien ghar-risposta;

Rat id-digriet tat-18 ta' Awissu 1998 fejn fin-nuqqas ta' risposta, laqghet it-talba attrici;

Rat ir-rikors ta' l-**attrici** ta' l-24 ta' Novembru 1998 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizza s-smiegh ta' xhieda mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Novembru 1998 fejn il-Qorti ordnat li ssir notifika tar-rikors lill-kontroparti li jkollha erbat ijiem zmien ghar-risposta;

Rat ir-risposta tal-**konvenut** tat-3 ta' Dicembru 1998;

Rat id-digriet tad-9 ta' Dicembru 1998 fejn il-Qorti tilqa` t-talba;

Rat ir-rikors tal-**konvenut** tat-13 ta' Jannar 1999 fejn talab lill-Qort sabiex taghti l-provvedimenti mehtiega rigward is-sospenzjoni tal-manteniment lil martu b'lura ghal data meta huwa kien impjegat l-ahhar;

Rat id-digriet tat-18 ta' Jannar 1999, fejn il-Qorti ordnat li ssir notifika lill-kontroparti li jkollha erbat ijiem zmien ghar-risposta;

Rat ir-rikors ta' l-**attrici** tal-15 ta' Frar 1999 fejn talbet lill-Qorti sabiex tammetti l-affidavit ta' Dr. David Borg li jirrigwarda l-informazzjoni li ta Raymond Buttigieg;

Rat id-digriet tat-18 ta' Frar 1999 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti li jkollha erbat ijiem zmien ghar-risposta;

Rat ir-risposta tal-**konvenut** tat-2 ta' Marzu 1999;

Rat id-digriet tat-3 ta' Marzu 1999 fejn il-Qorti rrizervat li tipprovdi dwar ir-rikors wara li tisma` lill-partjiet fis-seduta ta' wara;

Rat ir-rikors ta' l-**attrici** tas-27 ta' Mejju 1999 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizza li jinstemghu xhieda rigward il-komunjoni ta' l-akkwisti;

Rat id-digriet tal-31 ta' Mejju 1999 fejn il-Qorti tordna n-notifika lill-kontroparti li jkollha erbat ijiem zmien ghar-risposta;

Rat id-digriet tas-6 ta' Lulju 1999 fejn fin-nuqqas ta' risposta, il-Qorti tawtorizza li jittellghu ix-xhieda miltuba mill-attrici;

Rat in-nota ta' l-**attrici** ta' Settembru 2001 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess (200) u ta' Anthony Schembri;

Rat in-nota ta' l-**attrici** ta' l-4 ta' Jannar 2002 fejn permezz taghha esebiet nota ta' kancellament ta' ipoteka fuq id-dar ta' l-attrici iffirmata mis-Sinjuri Cutajar, nota ohra simili ffirmata mis-Sinjuri Cassar, u kopja ta' ritratt ta' missier l-attrici wara ncident li kellu mal-konvenut;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-**attrici** tad-29 ta' Jannar 2002;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-**konvenu**t tat-22 ta' Frar 2002;

Rat l-avviz tal-5 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti ta' llum stess fejn hija nnominat lill-attrici bhala kuratrici *ad litem* ta' l-istess minuri.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. **<u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija kawza ohra ta’ separazzjoni fejn l-attrici qed issostni li l-attur abbanduna d-dar konjugali u hija soffriet diversi tortijiet mill-konvenut li anke mar jghix ma’ mara ohra.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici ppruvat li l-istess konvenut ikkometta adulterju fil-konfront taghha tant li Sylvana Genovese xehdet fit-3 ta’ Novembru 1998 (a fol.40) li hija kellha relazzjoni mal-konvenut u minn din ir-relazzjoni hija kellha tifla li f’dak iz-zmien kellha sitt (6) snin, ghalkemm l-konvenut qatt ma irrikonoxxa l-istess tifla u qatt ma hallas ghall-manteniment ghaliha, u x-xhud sostniet li kienet harget mieghu ghaliex kien qalilha li kien guvni; wara li skopriet li kien mizzewweg ma baqghetx tohrog mieghu pero` kienet marret ghand il-mara tieghu u qaltilha b’dan.

Illi mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda tal-attrici jirrizulta li l-konvenut kien ibiddel diversi impjiegi u ma kienx idum fl-istess xoghol u ftit jew xejn ma kien imantni lill-attrici u lil uliedha u dan sakemm l-istess konvenut abbanduna d-dar konjugali u mar joqghod ma’ certu Dorianne Felice. Dan huwa kkonfermat anke mix-xhieda tal-Marixxal Albert Scicluna li kien mar sabiex jesegwixxi xi mandat ta’ qbid fir-residenza ta’ din ta’ l-ahhar, proprju fir-residenza attwali tal-konvenut.

Illi dan jinsab sostanzjat mix-xhieda ta’ l-attrici, kkoroborat mix-xhieda ta’ missierha Anthony Schembri u adirittura mix-xhieda ta’ l-istess konvenut li wkoll zied jghid li huwa ghandu erba’ t’itfal, tnejn miz-zwieg tieghu ma’ l-attrici u tnejn ohra barra z-zwieg tant li qal li *"erbgha ghandi li l-Qorti taf bihom”* (fol.156). Il-Qorti tinnota li din ix-xhieda

ta’ l-istess konvenut ma tirreferix ghal dak li allegat Sylvana Genovese fuqu, ghaliex huwa dan cahdu.

Illi ghalhekk mill-kumpless tal-provi jirrizulta bla ebda dubju li l-konvenut kien hati verso l-attrici ta’ eccessi, mohqiija, u ingurji gravi, u wkoll li abbanduna d-dar konjugali u fl-ahharnett li kkometta adulterjuri fil-konfront ta’ l-istess attrici, u dan mhux ma persuna wahda, tant li kellu diversi wild barra miz-zwieg u ghalhekk m’hemm l-ebda dubju kwalunkwe li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha anke abbazi ta’ l-ammissjonijiet tal-konvenut dwar il-komportament tieghu.

Illi l-Qorti tissottolinea li dan huwa wkoll rifless mhux biss mill-kontenut tax-xhieda tieghu, izda wkoll mill-mod kif beda’ jirrispondi ghad-domandi li kienu qed isirulhu, u hawn din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess xhieda guramentata ta’ l-istess konvenut.

Illi huwa veru li l-istess konvenut jaghmel allegazzjoni verso l-attrici ta’ adulterju minn naha taghha, pero’ x-xhieda ta’ l-istess m’hijiex kredibbli u apparti dan l-istess testimonjanza hija kontradetta mix-xhieda ta’ l-attrici, liema dispozizzjoni taghha hija hafna iktar verosimili u kredibbli minn dik tal-konvenut, li kien qed jirrispondi litteralment kif ried u fejn ma riedx, jew ma rrispondiex jew harab id-domanda. Dan ghamlu dwar kull punt li ghandu jigi u qed jigi deciz f’din il-kawza odjerna.

Ili jinghad ukoll li x-xhieda tal-konvenut hija ghal kollox inveritiera u nieqsa ghal kollox minn kull bazi ta’ kredibilita’, fejn apparti li fir-risposti tieghu ghad-domandi li sarulu huwa wera ruhhu verament arroganti fil-komportament tieghu, jirrizulta wkoll li huwa hafna drabi jghid dak li jhoss li jaqbillu jghid fic-cirkostanzi li jkun fihom u jidher li din l-atteggament mhux l-ewwel darba li sostnieh quddiem il-Qrati. Fil-fatt fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datata 15 ta’ Lulju 1993 fil-kawza fl-ismijiet **“Francis Cassar vs l-Onorevoli Prim Ministru et”** (P.A. (A.D.) jirrizulta li l-istess konvenut, allura rikorrenti, gie deskritt bhala persuna li m’ghandu l-ebda virtu’ li jghid il-verita’ lanqas taht gurament. Din l-

Qorti thoss li l-istess japplika ghall-kaz odjern fejn l-attegament tieghu u x-xhieda minnu moghtija jindebolixxu l-kaz minnu stess imressaq, ghaliex apparti li mimlija inkosistenzi u kontradizzjonijiet, ukoll jinghataw b'sens ta' nuqqas ta' responsabilita' anke fl-attagament minnu wzat.

Illi dwar il-komunjuni ta' l-akkwisti ftit hemm x'wiehed xi jghid, *stante* li apparti li d-dar konjugali hija parafernali ghall-attrici, l-unika kontestazzjoni li kien hemm huwa min mill-partijiet ghamel xoghol bazikament ta' *finishing* ta' l-istess dar.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jirrizulta fl-ewwel lok li d-dar konjugali m'ghandhiex tigi kkunsidrata bhala formanti parti mill-istess peress li jirrizulta mill-provi li din l-proprjeta' hija parafernali ghall-attrici peress li inbniet fuq plot minnha akkwistata qabel iz-zwieg fid-9 ta' Lulju 1986. Dan jinsab ammess mill-konvenut innifsu, u in verita' l-kuntratt ta' l-akkwist ta' l-istess art jindika bic-car li l-istess plot giet akkwistata qabel iz-zwieg tal-kontendenti l-konjugi Cassar.

Illi jirrizulta wkoll mill-provi li l-istess dar nbiet mill-attrici. Dwar il-punt in kontestazzjoni ghat-tkomplija ta' l-istess dar mill-provi prodotti din il-Qorti thoss li gie ppruvat li din saret principalment mill-attrici b'ghajnuna ta' missierha li kien hadem hafna fiha, kif jirrizulta mix-xhieda tieghu moghtija u wkoll mill-prospett minnhu esebit a fol. 77 tal-process immarkat bhala Dok. "S".

Illi min-naha tal-konvenut huwa jsostni li ghamel b'kemm jiswew Lm12,020 xoghol u spejjez fl-istess dar u dan skond prospett li huwa esebixxa bhala Dok. "FC 1" a fol. 150 tal-process, izda f'dan kollu l-istess konvenut m'huwiex kredibbli, u dan huwa rifless anke mill-kontro-ezami tieghu, kemm ghaliex ghal diversi ricevuti li huwa esebixxa sabiex jissostanzja l-allegazzjoni tieghu dwar il-kreditu li qed jippretendi li ghandu fuq il-komunjoni minhabba x-xoghol u l-ispejjez li saru minnu fl-istess dar, jirizzulta li huwa adirittura naqas li jwiegeb ghall diversi domandi li sarulu fuq l-istess, u in verita' ma kellux risposti

ghal diversi kwesiti lilu proposti, b'dan li l-verzjoni tieghu giet reza inkredibbli u mhux verosimili.

Illi apparti dan wiehed irid jiehu x-xhieda tieghu fl-isfond tal-fatt li l-istess konvenut qatt ma mportah li jzomm impjieg fis, u telaq, abbanduna jew tkecca mix-xoghol diversi drabi, naqas li jmantni lill-familja tieghu, u wkoll kellu diversi relazzjonijiet ma' diversi persuni, sakemm abbanduna d-dar konjugali, u dan l-inkwatru jaghti stampa cara tal-komportament tal-konvenut, li qatt ma deher li huwa dispost lejn il-familja tieghu, tant li llum qed jghix ma' mara ohra u wkoll kellu tfal ohra.

Illi l-istess konvenut lanqas fil-mori tal-kawza ma mantna lill-uliedu, u ghalkemm l-istess konvenut jghid illum li huwa m'ghandhux impjieg, il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex f'dan iz-zmien kollu l-istess konvenut ma sabx jew zamm impjieg, u dan fih innifsu juri nuqqas ta' responsabilita' totali tal-konvenut rigwardanti mhux biss uliedu izda wkoll martu.

Illi f'dan l-isfond u dwar l-istess pretensjonijiet tal-konvenut dwar l-allegati imsemmija spejjez u xoghol tieghu fid-dar konjugali, jirrizulta wkoll li l-istess xhieda tieghu hija kontrastanti ma dak li sostniet l-attrici u wkoll missierha, pero' fuq kollox jirrizulta minn diversi xhieda li l-konvenut qatt ma kien responsabli ghall-affarajiet li jigru d-dar u bhala ragel tal-familja, u dan jinstab ikkonfermat mill-fatt li jekk wiehed ihares lejn l-istorja ta' l-impjieg tieghu, jirrizulta li huwa ghamel diversi xogholijiet ghal diversi persuni, pero' qatt ma seta` jzomm impjieg fiss ghal hafna zmien. Fil-fatt mir-*record* ta' l-impjieg tieghu skond l-*Employment & Training Corporation,* dan jikkonferma x-xhieda ta' l-attrici li l-istess konvenut fil-hajja tieghu ma' l-attrici qatt ma' seta` jistikkja fuq il-post tax-xoghol, u dan apparti li ftit jew xejn kien imanti lill-familja tieghu, tant li jirrizulta l-attrici gieli kellha tohrog tahdem hi, hemm ukoll ix-xhieda ta' missierha, li tghid li kemm il-darba sellef il-flus lill-attrici, apparti li huwa dejjem mantna lill-attrici u lil uliedha meta l-konvenut naqas li jaghmel dan, anke wara li l-istess konvenut abbanduna d-dar konugali.

Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li l-istess konvenut fil-mori ta’ dawn il-proceduri ghex ma’ mara ohra u naqas li jmantni lill-attrici *nonostante* id-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili u wkoll illi huwa ppruvat dak li l-attrici ssostni li l-konvenut fil-mori ta’ din il-kawza, kien biegh ukoll trakk lil John Cassar ir-ragel ta’ ohtu u mill-elfejn lira Maltija (Lm2,000) li kien ircieva ghall-istess trakk minn Paul Cutajar huwa kien nefaq biss hames mija u sebghin lira Maltija (Lm570) ghal *spare bedroom* tat-tfal.

Illi fil-fatt skond ix-xhieda ta’ dan John Cassar (16 ta’ Gunju 2000) huwa kien akkwista d-drittijiet kollha tal-konvenut u martu ghall-akkwist ta’ l-istess trakk skond konvenju li kellhom il-partijiet datat 18 ta’ Mejju 1995 fuq din ix-xarabank Numru DBY – 359, u finalment l-istess xhud kien akkwista l-istess karozza tal-linja, b’dan li *oltre* l-elfejn lira Maltija (Lm2,000), l-istess konvenut kien ha Mercedes stmata li tiswa erbat elef u hames mitt lira Maltija (Lm4,500) minghand l-imsemmi Paul Cutajar.

Illi issa dwar dan in-negozju jirrizulta li l-istess konvenut zamm l-imsemmija karozza u bieghha, (huwa jghid ghall-prezz ferm inqas minn dak stabbilit bhala l-valur taghha fl-istess tranzazzjoni) mentri l-ammont ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) hadhom ukoll l-istess konvenut bla ma ta xejn lill-attrici; huwa veru li hawn ukoll il-konvenut sostna li l-elfejn lira Maltija (Lm2,000) zammithom l-attrici, pero’ kif din il-Qorti gja qalet, x-xhieda tal-konvenut lanqas hija kredibbli fuq dan il-punt, u dan apparti li x-xhieda tieghu fuq l-istess negozju anke f’partijiet ohra hija kontradetta minn xhieda li huma indipendenti mill-partijiet, kif gja fuq indikat, u allura anke f’dan il-kaz din il-Qorti ma tistax taccetta l-versjoni tal-konvenut.

Illi minn dan kollu ghalhekk jidher li l-kreditu li qed jippretendi l-konvenut fuq l-istess komunjoni, minhabba x-xoghol u l-ispejjez li huwa allegatament ghamel fid-dar konjugali, ma jistax jigi accettat minn din il-Qorti, (hlief ghal parti zghira minnu li ser tigi indikata iktar ‘il quddiem), b’dan ghalhekk li la darba l-istess dar konjugali hija parafernali ghall-istess attrici ghaliex inbniet principarjament mill-fondi taghha fuq art minnha

akkwistata qabel iz-zwieg, u di piu' minn self u bl-ghajnuna ta' missierha, l-istess immobbli tappartjeni kollha kemm hija lill-attrici, u l-konvenut ma ghandu l-ebda pretensjoni jew vantazzjoni rigwardanti l-istess, ghaliex ix-xhieda tieghu fl-istess rigward mhux biss m'hijiex sostanzjata, izda hija adirittura kontradetta u inveritiera.

Illi dan qed jinghad hlief ghal xi xoghol ta' tibjid u madum li jidher li l-istess konvenut ghamel fl-istess dar, li dwaru din il-Qorti ser taghti l-provvedimenti taghha hekk kif tikkonsidra l-mobbli li biha hija adebita l-istess dar.

Illi dwar il-mobbli li biha hija adebita l-istess dar dawn ma ingabet ebda prova partikolari fuqhom pero' jirrizulta li l-istess konvenut kkontribwixxa ghal xiri ta' almenu parti mill-istess bhal per ezempju *spare bedroom*, izda dawn, flimkien mal-valur tax-xoghol li ghamel il-konvenut fl-istess dar konjugali ta' tibjid u madum, ghandhom xorta jigu assenjati lill-attrici, kemm bhala mobbli u kemm bhala valur ta' l-istess xogholijiet b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 45 (5) tal-Kap 16** u dan billi s-sehem u l-pretensjoni tal-konvenut dwar l-istess ghandhom jigu apporzonati lill-attrici sabiex jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tal-konvenut li jhallas lill-attrici manteniment *pendente lite,* liema nuqqas da parte tal-konvenut baqa' jippersisti *nonostante* d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili li ordnat lill-konvenut sabiex ihallas manteniment ghall-attrici u ghal uliedu, digriet li l-istess konvenut kwazi qatt ma osserva.

Illi jinghad ukoll li jirrizulta mix-xhieda' ta' Audrey Muscat supervisor tal-Bank of Valletta p.l.c., fix-xhieda taghha quddiem l-Assistant Gudizzjarju, li l-konvenut kien ha self ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) skond kuntratt fit-12 ta' Frar 1993 ppublikat minn Nutar Dr. Joseph Lia (Dok. "MLC") u fid-19 ta' Settembru 1998 dan kien nizel ghal elf u erbghin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm1,040.98) u imghax ta' disa` u erbghin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm49.14) u dan sabiex isiru miljoramenti fid-dar; kien hemm self iehor ta' elf lira Maltija (Lm1,000) fit-22 ta' Lulju 1994, li l-bilanc nizel ghal tlett mija u tmintax-il lira Maltija u erba` u ghoxrin centezmu (Lm318.24) u dan sabiex isir tarag u kamra tal-banju.

Illi pero' skond ix-xhieda ta' l-attrici bl-ewwel self kien sar biss il-madum ta' l-art u l-aluminium, filwaqt li dwar it-tieni self effettivament dawn l-istess flus hadhom il-konvenut u s-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240) ghall-kamra tal-banju sselfithom l-attrici minghand missierha.

Illi l-istess Qorti taccetta anke f'dan il-kaz il-versjoni ta'l-attrici, b'dan pero' li kull dejn naxxenti mill-istess self ghandu jigi mhallas mill-attrici, *stante* li l-proprjeta` immobbli li dwarha sar l-istess self tappartjeni lilha esklussivament, u di piu jirrizulta li kienet l-istess attrici, li anke minhabba n-nuqqasijiet ta' zewgha, ghamlet dejjem tajjeb hija ghall-istess dejn.

Illi dwar manteniment, ghalkemm ma hemm l-ebda dubju li l-istess konvenut ghandu l-obbligu li jhallas l-istess manteniment lill-attrici ghaliha u ghal uliedha, obbligazzjoni li l-konvenut qatt ma adempjixxa, jirrizulta fl-istat ta' provi kif inhuma li peress li l-konvenut ma ghandu l-ebda mpjieg, li almenu gie ppruvat f'din il-kawza, li tali talba ma tistax f'dan il-mument tintlaqa' ghalkemm l-attrici dejjem izomm id-dritt li tressaq tali talba kemm il-darba jigi ppruvat li l-istess konvenut ghandu xi forma ta' ntrojtu.

Illi dwar il-kura u l-kustodja ta' l-istess wild dawn ghandhom jigu akkordati lill-attrici bla ebda dritt ta' access favur il-konvenut, li ma wera l-ebda interess dwarhom, u f'dan il-kuntest jinghad li ghal ftit zmien li huwa ezercita` tali access, ma jistax jinghad li kien ta' ezempju tajjeb ghall-istess uliedu; ovvjament jekk tali talba ghall-access ghandha tigi kkunsidrata fil-futur, din ghandha tittiehed fl-isfond ta' l-interess ta' l-istess minuri, inkluz f'dan il-kuncett il-fatt li l-istess konvenut qatt ma haseb ghall-manteniment ta' l-istess, u sa llum, mill-provi prodotti lanqas jidher li dan b'xi mod ippreokkupa lill-istess konvenut.

Illi t-talbiet l-ohra dwar l-**artikolu 48** u li l-istess attrici tghix fid-dar konjugali Plot 136, Triq il-Port Hieles, Birzebbuga bl-eskluzjoni tal-konvenut ghandhom jigu milqugha, u dan konsistentement ma' dak fuq premess.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn l-attrici u l-konvenut, tort tal-konvenut u dan minhabba eccessi u mohqrija, adulterju u abbandun tal-familja da parte tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tfal Sharon u Ritianne, ahwa Cassar, lill-attrici bla ebda dritt ta' access favur il-konvenut *stante* li din il-Qorti thoss li tali access ma jkunx fl-interess ta' l-istess minuri.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici u lit-tfal Sharon u Ritianne, ahwa Cassar, retta alimentari u dan ghaliex attwalment ma ngabux provi li l-istess konvenut ghandu xi forma ta' introjtu, madanakollu jigi ddikjarat li kemm l-attrici u kemm l-istess minuri ghandhom id-dritt li l-istess jigu mantnuti mill-konvenut skond il-ligi u tirrizerva lill-attrici *proprju et nomine* sabiex tressaq tali talba fil-futur kemm-il darba ic-cirkostanzi jkunu tali li l-istess dritt ta' manteniment ikun jista' jigi affetwat kontra l-konvenut peress li jkollu il-mezzi sabiex ihallas l-istess;

4. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u tiddikjara li din tikkonsisti f'xi mobbli li hemm fl-istess dar konjugali li l-valur taghhom m'huwiex sostanzjali, apparti s-self li attwalment jezisti mal-Bank of Valletta p.l.c. u in vista ta' dak fuq deciz fil-konsiderazzjonijiet ta' din id-decizjoni, tassenja l-istess mobbli lill-attrici, anke b'applikazzjoni tal- **artikolu 45 (5) tal-Kap 16** u l-istess jigu apporzonati lill-attrici sabiex jaghmlu, tajjeb in parte ghan-nuqqas tal-konvenut li jhallas lill-attrici manteniment *pendente lite* u dan in-nuqqas baqa' fuq il-konvenut *nonostante* d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili li ordnat lill-konvenut sabiex ihallas manteniment ghall-

attrici u ghal uliedu, digriet li l-istess konvenut kwazi qatt ma osserva.

Tiddikjara wkoll li d-dar konjugali Plot 136, Triq il-Port Hieles, Birzebbiga hija parafernali ghall-attrici, b'dan li kull pretensjoni li l-konvenut seta` kellu ghal xi xoghol u spejjez li ghamel fl-istess dar konugali, u dan relattivament biss ghal xoghol u spejjez ta' tibjid u madum qed jigu kkompensati *in parte* wkoll bl-applikazjoni wkoll ta' l-**artikolu 45 (5) tal-Kap 16,** u cjoe' mal-fatt li *pendente lite* l-istess konvenut qatt ma hallas manteniment lill-attrici *nonostante* d-digriet vigenti sa llum tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili.

Illi f'dan il-kuntest l-istess Qorti tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mill-21 ta' Lulju 1995.

5. Tiddikjara lill-konvenut iddekada mid-drittijiet kollha tieghu ai termini tal-Ligi Civili u dan ai termini ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16,** u ghall-fini ta' l-**artikolu 48 (1) (c)** tioddikjara d-data meta l-istess konvenut ghandu jigi ddikjarat li ta lok ghal firda bhala dik tal-21 ta' Lulju 1995.

6. Tawtorizza lill-attrici tabita fid-dar matrimonjali Plot 136, Triq il-Port Hieles, Birzebbuga, u dan bl-eskluzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, inkluz dawk tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------